MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1629/1996/1

**Gladys mart l-Imhallef Edoardo Magri u l-istess Imhallef Edoardo Magri, Yvonne armla ta' Anthony De Domenico, Joseph Muscat u Jane mart David Pullicino; u b'digriet tal-24 ta' Settembru 1998, stante l-mewt ta' Gladys Magri, il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-Imhallef Alberto, Giuseppe, Sandro u Renato lkoll ahwa Magri; u b'digriet iehor tas-16 ta' Gunju 1999, billi l-Imhallef Edoardo Magri miet waqt li kienet miexja l-kawza, il-wirt tieghu nhareg mill-kawza**

**v.**

**Kishinchand Dharamdas Mohnani sew proprio kif ukoll bhala uniku proprjetarju ta' Gifts-Mohans; u**

**b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Alfred Baldacchino bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Westminster Securities Limited intervjena *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors ta' Alfred J. Baldacchino ghan-nom u in rapprezentanza ta' Westminster Securities Ltd. tad-19 ta' Ottubru 2007 (fol. 47 ta' l-atti ta' l-appell) li permezz tieghu l-imsemmija socjeta` talbet li tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament;

Rat l-atti u l-verbali sussegwenti; rat in partikolari u hadet in konsiderazzjoni kemm id-deposizzjoni ta' Alfred J. Baldacchino minnu moghtija fit-28 ta' April 2008, kif ukoll l-"*audited accounts*" ezibiti permezz tan-nota tat-23 ta' Mejju 2008;

Rat l-Artikolu 904(1) tal-Kap. 12;

Peress li mhix sodisfatta li s-socjeta` in kwistjoni ma kellhiex mezzi sufficjenti biex tiddepozita l-kawtela, u anqas ma hi sodisfatta li llum m'ghandhiex tali mezzi - anzi, mid-deposizzjoni msemmija hija sodisfatta li bi ftit hsieb u bi sforz minimu kellha u ghandha l-mezzi biex tiddepozita l-ammont tal-kawtela f'din il-kawza;

Tichad it-talba tas-socjeta` appellanti biex tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------